EUROPA TOURS

8 t'ijiem

# Sorrento

## Capri, Ischia & The Amalfi Coast

***Napli, Pompei, Capri, Amalfi, Ravello….***

**Il-Ġimgħa 28 t'Awwisuu**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-04.30 għat-titjira KM612 li ttir fis-06.55 u naslu Ruma fit-08.30. Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta' Sorrento fejn se nkunu akkomodati ġewwa l-Hotel Meridiana 3 star+. Wara ħarġa mal-leader biex nibdew ingawdu dan ir-risort turistiku. Inżuru Piazza Tasso fil-qalba tal- belt, kif ukoll naraw ħafna toroq żgħar mimlijin ħwienet li jbiegħu affarijiet tradizzjonali.

**Is-Sibt 29 t'Awwissu**
Wara li nieħdu buffet breakfast noffrulkom eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt sabiħa ta' **Napli**, fejn flimkien mal-gwida tal-lokal niskopru ż-żona Mergellina fejn inkunu nistgħu nammiraw il-port u l-yacht marina, kif ukoll il-promenade. Naraw Piazza Plebiscito, Galleria Umberto I, Bażilika Reale San Francesco di Paola, Piazza del Municipio, Castel Nuovo, Palazzo Reale. Inkomplu lejn iċ-ċentru storiku ta' Napli, nesplorawh flimkien u jkollna xi ħin liberu għal shopping u personal sightseeing.

**Il-Ħadd 30 t'Awwissu**
Ġurnata libera izda min irrid jista jaqbad l-ferry boat (mhux inkluża) għall-gżira t'**Ischia** magħufa bħala Emerald Isle u l-akbar gżira fil-bajja ta' Napli. Din tinsab fil-baħar Tirren u fuqha jgħixu mas-60,000 persuna. Mal-wasla tagħna f'din il-gżira jkollna dawra bil-kowċ, (extra) fejn fost l-oħrajn naraw ix-xenarju tant sabiħ tal-golf ta' Napli u Capri. Inżuru Forio, l-akbar belt fuq il-ġżira u nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Lacco Ameno** - post turistiku u eleganti. Inżuru wkoll **Casamicciola**, post kwiet u t-tieni l-akbar port tal-ġżira. Ikollna ħin għall-ikel (extra). Imbagħad nagħmlu dawra mat-toroq sbieħ t'Ischia Porto. Wara naqbdu d-dgħajsa li twassalna Sorrento,

**It-Tnejn 31 t'Awwissu**
Eskursjoni għal **Caserta magħrufa bħala Versailles ta' Napli** minħabba l-Palazz Irjali. Dan il-palazz inbena minn Karlu III - Re ta' Bourbon, fis-seklu 18. Inżuru dan il-ġmiel ta' palazz li huwa wieħed mill-palazzi l-aktar importanti fl-Italja (dħul extra). Ikollna ħin inżuru l-ġonna u l-park tiegħu. Wara nibqgħu sejrin lejn **Shopping Outlet** fejn insibu ' l fuq minn 100 ħanut, ristoranti u cafes' eċċ... bi prezzijiet tajbin. Ikollna ħin biżżejjed għax-shopping. Nirritornaw lura l-hotel.

**It-Tlieta 01 ta' Settembru**
Eskursjoni ta' jum sħiħ fil-gżira ta' fama mondjali – **Capri**. Naqbdu l-ferry boat (inkluża) minn Sorrento stess, liema dgħajsa twassalna fuq din il-gżira tant popolari, rilassanti u sabiħa. Mal-wasla tagħna f'Marina Grande, nieħdu l-minibus (extra) lejn Anacapri biex flimkien nesploraw din il-parti ta' Capri. Min irid jista' jitla' wkoll bis-seggiovia għal Monte Solaro (extra) minn fejn nistgħu ingawdu panorama u veduti mill-isbaħ tal-Kosta Amalfi. Inkomplu triqitna lejn Capri bil-minibus, fejn fost l-oħrajn naraw il-famuża Piazzetta, Augustus Gardens u Via Camerelle. Naqbdu t-transport biex ninżlu Marina Grande u naqbdu l-ferry lura lejn Sorrento. Nirritornaw l-lukanda.





**L-Erbgħa 02 ta' Settembru**
Eskursjoni ta' nofs ta'nhar mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Pompei**. F'Pompei ż-żmien waqaf mal-ħerba kkaġunata mill-iżbroff tal-Vesuvju fis-sena 79 W.K. F'dawn l-iskavi arkeoloġiċi (dħul extra) nistgħu nieħdu idea ċara x'tip u xi kwalità ta' ħajja kienu jgħixu r-Rumani f'dak iż-żmien. Ikollna wkoll ħin għall-ikel (extra) u għax-xiri. Inżuru s-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei. Nirritornaw lura l-Hotel u ħin liberu. Filgħaxija mmorru għal lejla folkloristika – it-Tarantella Show (extra) fejn ikun hemm kant u żfin tradizzjonali.

**Il- Ħamis 03 ta' Settembru**
Skopri magħna l-ġmiel tal-**Kosta Amalfitana**. L-eskursjoni tal-lum se teħodna ġo Amalfi. Fi triqitna mal-kosta nagħmlu waqfa fuq il-belvedere li jħares fuq **Positano** - belt mibnija fuq il-faċċata ta' rdum, bil-bini nieżel bħal taraġ. Inkomplu lejn ir-riżort magħruf u tant pittoresk t'Amalfi, li ġie ddikjarat bħala World Heritage Site mill-UNESCO. Hawnhekk induru dawra mal-port u ċ-ċentru fejn fost l-oħrajn naraw **il-katidral** fil-pjazza ċentrali Insibu wkoll ħafna ħwienet u cafés. Wara nibqgħu sejrin lejn **Ravello** li jinsab 350 metru 'l fuq mill-baħar u mnejn naraw il-panorama sabiħ tal-Kosta Amalfitana. Nagħmlu waqfa għal sightseeing.

**Il-Ġimgħa 04 ta' Settembru**
Wara l-breakfast nżuru Montecassino fejn se nżuru il-Monasteru tal-benedittini (entratura extra). Dan il-monasteru hu wieħed mill-aktar magħruf fid- dinja. Wara nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn l-ajruport ta' Fiumicino għal titjira KM 615 li ttir fit-21.00 u tasal lura Malta fl-22.30.

**Prezz kull Persuna**

| **Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa** | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1200 |
| Kamra żewġ persuni | €1200 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1460 |
| Tfal sa 11–il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €1010 |

**Prezz jinkludi**
Titjira mal-KM Malta Air għal Ruma
20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
7 iljieli Hotel La Meridiana 3 star+ fiċ-ċentru ta' Sorrento
Buffet Breakfast kuljum
Ferry Boat għal Capri
Taxxi tal-ajruport
Tour Leader
Insolvency Fund

